MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 2837/2002

***Jesmond Psaila***

***vs***

***Marius Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Novembru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u hames centezmi (Lm437.05) jew ammont iehor verjuri rappresentanti danni sofferti mill-attur minhabba incident awtomobilistiku illi sehh nhar is-7 ta’ Awissu 2001 fi Triq il-Wied, Qormi waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura ossia van Transit bin-numru ta’ registrazzjoni FWP-001 u l-konvenut kien qieghed isuq vettura ossia van Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni GVN-248 u habat fil-vettura ta’ l-attur u kkagunalu hsara fil-vettura tieghu, liema incident sehh minhabba imperizja,

negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 24 ta' Settembru 2002 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-15 ta' Jannar 2003 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attur.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-incident *de quo* gara tort ta' l-istess attur biex b'hekk ghandu jassumi kull responsabbilita'.
3. Illi di piu' u minghajr pregudizzju, t-talba ghall-hlas tad-danni hu eccessiv u qed jigi kkontestat.

Sema' x-xhieda ta' l-attur, ta' P.S.160, Mario Mifsud, u tas-surveyor Omar Mifsud.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' Dokumenti JP1 sa JP8 konsistenti fis-*survey report* u sett ritratti, kif ukoll Dokument MM1, konsistenti fir-*road accident report*.

Ikkunsidra:

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-konvenut ghalkemm ipprezenta risposta f'din il-kawza, qatt ma deher quddiem it-Tribunal u ghalhekk ma ressaqx provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet tieghu.

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fis-7 ta' Awissu 2001 fi Triq il-Wied, Hal Qormi, hdejn il-*bridges* li hemm f'din it-triq u dana ghal habta tas-siegha ta' wara nofs in-nhar. Il-konvenut kien qieghed isuq vettura proprjeta' tal-Gvern, bin-numru ta' registrazzjoni GVM248, irregistrata mal-*Ministry for Social Welfare*. Jidher illi hekk kif il-konvenut kien qieghed joqrob lejn wahda minn dawn il-*bridges* li hemm fit-triq fejn sehh l-incident, huwa ra l-vettura misjuqa mill-attur gejja mid-direzzjoni l-opposta. L-

attur waqqaf il-vettura tieghu, izda l-konvenut baqa' ghaddej u b'hekk sehhet il-kollizzjoni.

Din hija l-verzjoni moghtija mis-sewwieqa *a tempo vergine* kif imnizzla fl-okkorrenza esibita minn P.S.Mario Mifsud, matul il-kors tax-xhieda tieghu esibita bhala Dokument MM1. Skizz ta' l-incident ma kienx sar u dana minhabba l-fatt illi l-vetturi tal-kontendenti kienu qed ighalqu it-triq u kellhom jigu spustjati minhabba t-traffiku, kif ukoll minhabba l-fatt illi skond is-surgent il-konvenut kien ammetta t-tort ghall-incident u ghalhekk hass li ma kienx hemm ghalfejn isir l-iskizz. L-attur kien iffirma dikjarazzjoni li lest li jaghmel tajjeb ghad-danni fl-eventwalita' illi t-tort ta' l-incident tkun tinkombi fuqu, minhabba l-fatt illi l-konvenut kien qieghed isuq vettura proprjeta' tal-Gvern.

Il-hsarat fil-vettura ta' l-attur kienu fil-*mudguard*, *bumper* u d-dawl in-naha ta' wara fuq il-lemin, filwaqt illi dawk fil-vettura misjuqa mill-konvenut kienu fil-genb in-naha tal-lemin. L-attur ighid illi l-hsarat fil-vettura tieghu, huwa ghadu ma sewwiehomx. Huwa pprova kemm il-darba jikkomunika mal-konvenut u anke mar fuq il-post tax-xoghol tieghu, izda qatt ma wasal ghal ftehim.

Il-verzjoni moghtija mill-attur fil-kors tax-xhieda tieghu tirrispekkja dik imnizzla fl-okkorrenza Dokument MM1. L-attur jikkontendi illi kif wasal hdejn il-*bridge* u ra l-konvenut gej fid-direzzjoni l-opposta tieghu, huwa waqqaf u anke ghamillu sinjal sabiex jirrallenta, izda l-konvenut xortawahda baqa' ghaddej bl-istess velocita' u ghalhekk sehhet il-kollizzjoni. L-ewwel habat fil-bieba tal-genb in-naha tas-sewwieq, imbaghad rega' habat fir-rota ta' wara tal-vettura ta' l-attur.

Illi jidher illi l-vettura ta' l-attur kienet u baqghet dejjem wieqfa, kemm qabel l-impatt, kif ukoll meta sehh l-impatt. Illi ghalhekk l-attur kien prudenti meta ra l-vettura tal-konvenut gejja mid-direzzjoni l-opposta, illi iwaqqaf f'parti tat-triq illi hija piuttost dejqa u ghandha certi ostakoli bhal kisra mal-*bridge*. Inoltre l-attur anke ghamel sinjal lill-konvenut sabiex jirrallenta, indikazzjoni li turi illi l-konvenut kien baqa jsuq bl-istess velocita', ghalkemm dik il-parti tat-

triq tirrikjedi illi wiehed jirrallenta. Fuq kollox jirrizulta illi l-konvenut irrealizza illi s-sewqan tieghu ma kienx wiehed prudenti u ammetta t-tort ghall-incident minnufih.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni, ghandu jinghad illi ghalkemm il-konvenut jeccepixxi fir-risposta tieghu illi qieghed jikkontesta l-istess, peress illi l-ammont mitlub huwa eccessiv, huwa ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward. Illi mix-xhieda tas-*surveyor* Omar Mifsud u s-*survey report* minnu maghmul esibit bhala Dokument JP1, jirrizulta illi l-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-attur huma kompatibbli ma' l-incident stradali li sehh bejn il-kontendenti. L-istima indikata fl-istess *survey report* ghat-tiswija tal-hsarat hija wkoll kompatibbli ma' l-ammont mitlub mill-attur fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza u ghalhekk ighaddi biex filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sebgha u tletin lira Maltin u hames centezmi (Lm437.05), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------